

**Digriet tal-Qorti Ĝeneralis tas-17 ta' Jannar 2022 – Car-Master 2 vs Il-Kummissjoni**(Kawża T-743/20) <sup>(1)</sup>

*("Kompetizzjoni – Akkordji – Suq tat-tiswija tal-vetturi bil-mutur fil-Polonja – Deċiżjoni ta' ċaħda ta' lment – Artikolu 13(2) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 – Trattament tal-każ minn awtorità tal-kompetizzjoni nazzjonali – Rikors infondat fid-dritt")*

(2022/C 119/62)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

**Partijiet**

Rikorrent: Car-Master 2 sp. z o.o. sp.k. (Kraków, il-Polonja) (rappreżentant: M. Miśkowicz, avukat)

Konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: G. Meessen, J. Szczodrowski u I. Zaloguin, aġenti)

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2020) 7369 final tat-22 ta' Ottubru 2020 (Każ AT.40665 – Toyota Motor Poland), li tħiġid l-ilment imressaq mir-rikorrenti dwar l-allegati ksur tal-Artikolu 101 TFUE.

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud bħala manifestament infondat fid-dritt.
- 2) Car-Master 2 sp. z o.o. sp.k. hija kkundannata għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 72, 1.3.2021.**Digriet tal-Qorti Ĝeneralis tal-14 ta' Diċembru 2021 – McCord vs Il-Kummissjoni**(Kawża T-161/21 u T-161/21 AJ I) <sup>(1)</sup>

*("Rikors għal annullament – Rikors għal nuqqas li tittieħed azzjoni – Abbozz ta' regolament tal-Kummissjoni li jissuġġetta l-esportazzjoni barra mill-Unjoni ta' ċerti prodotti għall-preżentazzjoni ta' awtorizzazzjoni tal-esportazzjoni – Proposta tal-Kummissjoni li tissuġġetta l-esportazzjoni ta' vaċċini kontra l-COVID-19 lejn l-Irlanda ta' Fuq għall-preżentazzjoni ta' awtorizzazzjoni tal-esportazzjoni skont l-Artikolu 16 tal-Protokoll dwar l-Irlanda u l-Irlanda ta' Fuq tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika – Assenza ta' politika ppubblikata taċ-ċirkustanzi li fihom l-Unjoni timplimenta l-Artikolu 16 tal-imsemmi protokoll – Inammissibbiltà manifesta parżjali – Rikors parżjalment manifestament infondat fid-dritt")*

(2022/C 119/63)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrent: Raymond Irvine McCord (Belfast, ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq) (rappreżentant: C. O'Hare, solicitor)

Konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: H. Krämer u F. Ronkes Agerbeek, aġenti)

**Suġġett**

Minn naħa, talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tal-abbozz ta' Regolament tal-Kummissjoni tad-29 ta' Jannar 2021 intiża b'mod partikolari sabiex jissuġġetta l-esportazzjoni ta' vaċċini kontra l-COVID-19 lejn l-Irlande ta' Fuq għall-preżentazzjoni ta' awtorizzazzjoni tal-esportazzjoni skont l-Artikolu 16 tal-Protokoll dwar l-Irlanda u l-Irlanda tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (ĠU 2020, L 29, p. 7), u tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li ma tippubblikax politika taċ-ċirkustanzi li fihom hija timplimenta l-Artikolu 16 tal-imsemmi protokoll u, min-naħħa l-oħra, talba bbażata fuq l-Artikolu 265 TFUE u intiża sabiex jiġi kkonstatat li l-Kummissjoni naqset b'mod illegali milli tadotta u tippubblika tali politika.